

Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali

IL-BULLETTIN

Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali għadu kif għalaq sena!

Sena wara t-tneđija tiegħu, in-netwerk Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali bi pjaċir jaqşam it-tieni edizzjoni tal-bullettin tiegħu!

Il-komunità qed tkompli tikber u tilħaq iktar nies **b'rata mgħaġġla**, b'applikazzjonijiet ġodda li qed jintlaqgħu fuq bażi regolari. Aktar impressjonanti hi r-rata li biha qed tikber is-sħubija f'kull pajjiż tal-UE. Ir-Rumanija qed twitti t-triq: grazzi għall-kollaborazzjoni imprezzabbli bejn l-istakeholders tal-gvernijiet lokali u r-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f' Bucharest, madwar 100

muniċipalità u kunsillier lokali applikaw biex jissieħbu fin-netwerk fix-xhur li għaddew.

Għall-ewwel darba dan il-bullettin jinkludi **I-inizjattivi u l-aħjar Prattiki tal-membri ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali**, l-enfasi tagħhom fuq sensitivitàjiet lokali, kif ukoll jenfasizza s-servizzi kontinwi tal-Kummissjoni Ewropea, fosthom żjarat u webinars, kollha mmirati biex **jaġġu s-setgħa lill-kunsilliera lokali ħalli jikkomunikaw dwar l-UE maċ-ċittadini tagħhom**.

750

Membri s'issa

400

reġistrazzjonijiet fuq il-pjattaforma Futurium

150

reġjuni koperti

Membri fl-azzjoni

Il-membri ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali ħadu rwol ta' tmexxija matul **Jum l-Ewropa 2023**. Impenjaw ruħhom b'mod attiv mal-komunitajiet tagħhom, organizzaw avvenimenti kollaborattivi li ċċelebraw il-viżjoni kondiviża tal-UE tal-paċi u s-sigurtà.

Bħala eżempju: f'**Vila Nova de Famalicão**, fil-Portugall, is-Sindku fetaħ simbolikament il-bandiera tal-UE mal-melodija ta' 'Ode to Joy' li saħħret lill-komunità lokali ta' 250 individwu, li aktar tard ipparteċipaw f'marċ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda tan-Nazzjonijiet Magħquda tal-2030. Fir-reġjun ta' **Rhein-**

Neckar-Kreis fil-Ġermanja, il-festeġġamenti kienu jinkludu banda enerġetika f'Mannheim u punt ta' informazzjoni fejn il-kunsilliera lokali setgħu jinteraġixxu maċ-ċittadini, jiddiskutu l-inizjattivi tal-UE u l-parteċipazzjoni lokali. L-intervista tal-membri Ġermaniż Ralf Frühwirt **fuq stazzjon tat-televiżjoni lokali** tefgħet dawl fuq l-għanijiet u l-attivitàjiet tan-netwerk ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali, filwaqt li enfasizzat l-impenn tal-kunsill lokali tagħhom. Il-**muniċipalità Taljana ta' Macerata** estendiet stedina speċjali lill-istudenti, li qasmu l-esperjenzi u l-perspettivi tagħhom dwar l-istudju, it-taħriġ, ix-xogħol, il-volontarjat, u l-involvement fl-attivitàjiet tal-UE.

Il-Kunsillier Portugiż Francisco Pombo Lopes beda l-ewwel paġna fuq Facebook; żurha fuq **BELC – Castelo Branco**





Il-promozzjoni ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali lil udjenza speċjali madwar l-UE

Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali ġiet ppreżentata f'waħda mill-aktar sessjonijiet li attendew għaliha nies, **I-14-il Konferenza EuroPCom**, l-akbar laqgħa annwali tal-Ewropa ta' esperti fil-qasam tal-komunikazzjoni pubblika, bejn is-26 u s-27 ta' Ġunju fi Brussell. Il-membri Taljan ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali, Lavinia Bianchi, qasmet l-esperjenzi tagħha dwar kif ikkomunikat dwar l-Ewropa fil-komunità lokali u ddiskutiet mal-membri l-oħra tal-panel, fosthom rappreżentant ta' livell għoli mill-Kumitat tar-Regġuni u ġurnalist speċjalizzat fl-istampa lokali. **Pia Ahrenkilde Hansen**, id-Direttur Ġenerali għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, għalqet is-sessjoni billi saħqet dwar l-importanza tal-komunikazzjoni fuq livell lokali man-netwerks. Segwi r-reġistrazzjoni tad-diskussjoni tal-panel dwar Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali **hawnekk**.



Il-membri ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali jsiru tranżnazzjonali

Grupp ta' 6 membri ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali mill-Italja, Franza u Spanja pparteċipaw fi **Djalogu taċ-Ċittadini Tranżnazzjonali** bejn il-25 u s-26 ta' Mejju f'Lyon. L-avveniment kien organizzat mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fi Franza, il-Belt u l-Metropoli ta' Lyon, u EUROPE DIRECT Lyon Métropole. Dan ta lill-membri ta' Nibnu l-Ewropa mal-Kunsilliera Lokali opportunità biex jiddiskutu l-kwistjonijiet lokali tagħhom barra minn pajjiżhom ma' membri bħalhom minn diversi partijiet tal-Ewropa.

Il-membri Taljan ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali, Fabio Zucca, kien fost il-parteċipanti li impenjaw ruħhom b'mod attiv f'diskussjonijiet bi ħsieb dwar is-sinerġija bejn l-UE u l-gvernijiet lokali. Is-sessjonijiet ikkontribwew għat-tisħiħ tar-rabtiet oħra l-fruntieri u l-kultivazzjoni ta' kollaborazzjonijiet lokali futuri, u kumples jarrikkixxu l-għadd kbir ta' riżorsi tal-membri ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali.

Avvenimenti u inizjattivi tal-UE

Fl-24 ta' April, ir-Rappreżentanza tal-KE f'Malta tellgħet **l-ewwel avveniment tagħha biex tqajjem kuxjenza dwar in-netwerk ta' Nibnu l-Ewropa mal-Kunsilliera Lokali u l-missjoni tiegħu**. Kunsilliera lokali Itaqgħu l-Belt Valletta biex jitgħallmu aktar dwar in-netwerk u kif jistgħu jissieħbu fil-komunità tiegħu, li dejjem qed tkompli tikber.

Alison Zerafa Civelli, is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, esprimiet l-appoġġ tagħha għall-inizjattiva. Bi pjaċir ninnotaw, li minn wara l-avveniment f'Malta, l-applikazzjonijiet qed ikomplu jżiedu.

Ara l-**filmat** tal-avveniment u ibqa' magħna għal aktar avvenimenti organizzati fl-Istati Membri tal-UE bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea.



© Il-Kummissjoni Ewropea



Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali kien preżenti għall-**Patt tas-Sindki Annwali tal-2023**, li sar fit-30 ta' Marzu fi Brussell, fejn l-awtoritajiet lokali ddiskutew l-isfidi b'rispons għall-kriżi tal-enerġija li għaddejjja.

Il-gvernijiet lokali kellhom l-opportunità li jinteraġixxu ma' rappreżentanti ta' livell għoli mill-Istituzzjonijiet Ewropej, inklużi l-Viċi President Eżekuttiv Frans Timmermans u l-Kummissarju tal-UE għall-Enerġija Kadri Simson, il-Parlament Ewropew, u l-Kumitat tar-Regġuni.



© L-Unjoni Ewropea

Insaħħu l-Komunità ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali



Webinars

Sena mit-tnedija uffiċjali tan-netwerk, il-membri kollha tiegħu, li ġejjin minn 23 pajjiż, ġew introdotti fil-komunità permezz ta' serje ta' webinars ta' merħba.

Ladarba jkunu abbord, is-sħab ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali jkollhom aċċess għal webinars dwar **suġġetti speċifiċi tal-UE, fil-lingwi tagħhom**, li jippermettulhom jitgħallmu aktar mingħand l-esperti tal-KE u fl-aħħar mill-aħħar jaqsmu mal-kostitwenti tagħhom l-informazzjoni rilevanti għar-reġjuni u l-elettorati tagħhom.

Illoggja f'Futurium ħa ssir taf aktar dwar il-webinar li sar għall-membri Franċiżi fl-4 ta' April dwar l-isports fl-UE, is-sessjoni online għall-membri Taljani dwar it-turiżmu u l-UE, u webinar għall-membri Ġermaniżi dwar l-effiċjenza enerġetika fil-bini. Se jsiru aktar webinars 'il quddiem!



© Isabella Malsaise Weckerle

Żjarat tal-membri fi Brussell

Kunsilliera lokali mill-**Italja, Spanja, il-Portugall, il-Ġermanja u l-Bulgarija** ntlagħgu fi Brussell, il-qalba tal-Unjoni Ewropea, waqt żjarat organizzati mill-Kummissjoni Ewropea biex tkompli tikkultiva l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet lokali u l-istituzzjonijiet tal-UE.

Matul dawn iż-żjarat, il-membri ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali **jkollhom aċċess privileġġjat għal esperti tal-UE u għal rappreżentanti ta' livell għoli** mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Parlament Ewropew, u mill-Kumitat tar-Reġjuni, biex isiru jafu aktar dwar is-suġġetti tal-UE ta' interess dirett għall-kostitwenza tagħhom. Pereżempju, membri minn Spanja kellhom l-oportunità li jiddiskutu l-UE u l-futur tagħha mal-MEP Doméneç Ruiz Devesa u l-politika barranija mas-Sur Camilo Villarino, il-Kap tal-Kabinett tal-Kummissarju Borrel. Id-delegazzjoni Ġermaniża kellha skambji estensivi dwar sfidi ekonomiċi u ġeopolitiċi mas-Sur M. Hager, il-Kap tal-Kabinett tal-Viċi President Dombrovskis.

Fi kliem Solange Baraldi, mill-muniċipalitè Taljana ta' Casalgrande, in-netwerk ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali, jaspira li joffri lil kunsilliera lokali "mogħdija preferenzjali biex jikkomunikaw mal-amministrazzjonijiet, u mal-komunità Ewropea u ċ-ċittadini tagħna."

Skopri l-esperjenza tal-membri: ara l-filmati taż-żewġ żjarat **hawnhekk u hawnhekk**.



Ir-rokna tal-membri

Is-suġġetti tal-UE li jinteressawk l-aktar

S'issa, il-membri u l-muniċipalitajiet issottomettew 500 tweġiba għall-istħarriġ speċifiku tal-UE. Jekk inti membru, u għadek ma weġibtx l-istħarriġ speċifiku, agħmel dan issa! Billi tindika l-aktar kwistjonijiet importanti fil-kostitwenza tiegħek, int se tikseb aċċess għal informazzjoni uffiċjali dwar **inizjattivi, soluzzjonijiet, u opportunitajiet tal-UE** li jolqtuk l-aktar. It-tweġibiet tiegħek jgħinu wkoll lill-Kummissjoni Ewropea tipprovdni materjali tal-UE fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE biex tappoġġja l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tiegħek lokalment, u biex torganizza webinarjiet tematiki jew sessjonijiet bilaterali matul iż-żjarat fi Brussell.


Il-klassifika tal-ogħla 5 suġġetti ta' interess tal-UE tal-membri ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali s'issa:



Valorizzazzjoni tal-wirt kulturali u tat-tradizzjonijiet



Bliet sostenibbli



Opportunitajiet ekonomiċi fiż-żoni rurali, inkluż għall-bdiewa żgħażaġh



Aċċess għal edukazzjoni (ta' kwalità), inklużi l-edukazzjoni għas-sostenibbiltà ambjentali u d-diġitalizzazzjoni



Aċċess għal servizzi pubbliċi diġitali

Librerija rikka ta' materjali dwar suġġetti tal-UE

Ibbenefika minn aċċess esklussiv għal **minjiera ta' riżorsi uffiċjali tal-UE** abbażi tar-rispons tiegħek għall-istħarriġ speċifiku! Aċċessibbli fil-Librerija Futurium, tista' tużahom biex tikkomunika maċ-ċittadini dwar is-suġġetti tal-UE li jħallu l-aktar impatt fil-kostitwenzi tiegħek. Żomm ruħek aġġornat rigward informazzjoni futura dwar is-Saħħa Pubblika, ir-Riċerka, l-Innovazzjoni, u aktar.



Firma viżiva

Il-firma viżiva uffiċjali tan-netwerk Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali issa hija disponibbli!

Il-firma viżiva tista' tintuża fuq il-materjal kollu għall-komunikazzjoni tiegħek, maħluq fi ħdan il-qafas tan-netwerk Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali, u tippermettitek tippersonalizza l-messaġġi tiegħek u ssaħħaħ l-identità tan-netwerk.

Skopriha fit-taqsim **Materjal ta' Komunikazzjoni**. Ara kampjun hawn taħt:



Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali

Espandi l-firma tan-netwerk Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali u kkomunika dwar l-UE fi ħdan il-komunità tiegħek.

Bħala membri tan-netwerk, il-pjattaforma Futurium hija l-ispazju tagħkom! Hija l-post fejn tista' ssib materjali tal-UE u turi **kif tinvolti ruħek** fuq suġġetti tal-UE fi ħdan il-kostitwenza tiegħek. Tista' taqşam ritratti tal-avvenimenti tiegħek li rnexxew, li fihom materjali, ideat u strateġiji ta' komunikazzjoni ta' Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali.

Uża l-lingwa tiegħek stess, it-traduzzjoni awtomatika se tgħinek tinteragixxi mal-membri l-oħrajn.

Jekk għadek ma għamiltx dan, **irreġistra ma' Futurium hawnhekk**.

Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok żur il-website ta' **Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali**, iċċekkja l-FAQs jew ikkuntattjana fuq **info@eu-councillors.eu**